**Bħallum erba' snin**

L-għada tal-Lunzjata
Ħaddtni O Mulej,
Lejn l-Onkoloġija
Ħa ngħix nhar u lejl.
Fil-covid wisq kiefra
Ridt qalb sinċiera.

U jien mort għax qaddej
Lejl u nhar għaddej,
Bil-maskra l-kaħla
Ngħasses bħan-naħla.
Ħaddtni mal-pazjenti
Għalihom preżenti.

Kemm għadda ż-żmien Ġesù
Il-ġid l-għamilt kien kbir,
Għax int dan għamiltu
Mal-għani u mal-fqir.
Bil-ferħ irrid intir
Jistħoqqlok kull tifħir.

Wara das-snin kollha
Xewqa kbira għandi,
Kif did-dinja nħalli
Ejja Mulej 'lqagħni.
U qis li tlaqqagħni
Man-nies ħa tferraħni.

Kienux il-pazjenti
Jew il-familjari,
Inkella ħaddiema
Ixjeħ jew tampari.
Dak arah int Mulej
Kelmtek b'saħħitha ħej.

U Marija Ommna
Kemm farrġet xebgħa nies,
Bit-talb li jsir moħbi
Ġid kbir fis-skiet bla qjies.
Int waħdek tagħmlu l-ġid
Sal-aħħar int ħabib.

U meta d-dawl tal-jum
Għid li jibda' inin,
Fuq iċ-Ċentru tagħna
Dawlek Alla ħanin.
Jaqa' u mis-sema

Ibierkek liċ-ċkejknin,
U l’dawk li daqt waslu
Ħa jkunu mal-ħenjin.

U jien lilek ngħanni
Minn qiegħ qalbi kull ħin,
L-isbaħ Grazzi safja
Għalkemm itulu s-snin.

Nitolbok biss Ġesù
Int li tfejjaq tant qlub,
Tini ħafna saħħa
U mwieżen bi ħnientek,
B’dik il-kurunella
Salva lil uliedek.
Ħudhom ‘l-ġenna bil-kwiet
Ħa jgawduk b’tant barkiet.

U kattarli das-snin
B’jiesek li hu etern,
Kattar bosta l-ħajja
Int ir-Ragħaj tar-rgħajja.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 ta’ Marzu 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.